

DEĊIŻJONI Nru 1/2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FIL-KUMMERĊ TAL-MERKANZIJA**tad-19 ta' Jannar 2012****dwar stedina lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija**

(2012/221/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fmerkanzija ⁽¹⁾ (il-“Konvenzjoni”), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-iskambju ta' merkanzija mal-Kroazja ikun iffaċilitat b' simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jolqtu l-kummerċ tal-merkanzija bejn il-Kroazja u l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.
- (2) Bil-ħsieb li jinkiseb tali faċilitazzjoni, huwa xieraq li l-Kroazja tiġi mistiedna biex taderixxi mal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

F'konformità mal-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni, il-Kroazja hija mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kroazja mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, biex taderixxi mal-Konvenzjoni mill-1 ta' Lulju 2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kumitat konġunt**Il-President*

Miroslaw ZIELIŃSKI

⁽¹⁾ ĠU L 134, 22.5.1987, p. 2.

ANNEX

ITTRA Nru 1

Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija

Sinjur,

Għandi l-unur ninfirmak bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija tad-19 ta' Jannar 2012 (Deċiżjoni Nru 1/2012) li tistieden lill-Kroazja biex issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija.

L-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni tista' ssir billi jiġi ppreżentat l-Istrument tal-Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

*Is-Segretarju Ġenerali
Is-Segretarjat Ġenerali
tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

ITTRA Nru 2

Istrument tal-Adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija

Il-Kroazja,

B'kont meħud tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija tad-19 ta' Jannar 2012 (id-Deċiżjoni Nru 1/2012) li tistieden lill-Kroazja biex taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija (il-"Konvenzjoni").

Waqt li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

B'DAN

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Kroazja;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija adottati bejn id-19 ta' Jannar 2012 u d-data li l-Adeżjoni tal-Kroazja ssir effettiva skont l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi ...